

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-19 ta' Novembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour d'appel d'Aix-En-Provence – Franza) – proċeduri kriminali kontra BS, CA

(Kawża C-663/18) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-merkanzija – Organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-kittien u tal-qanneb – Derogi – Protezzjoni tas-saħħa pubblika – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-industrijalizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-qanneb għall-fibri u ż-żrieragħ biss – Kannabidjol (CBD))

(2021/C 28/02)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel d'Aix-En-Provence

Partijiet fil-kawża prinċipali

B S, C A

fil-preżenza ta': Ministère public, Conseil national de l'ordre des pharmaciens

Dispożittiv

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikoli 34 u 36 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni tal-kannabidjol (CBD) legalment prodott fi Stat Membru ieħor, meta jiġi estratt mill-pjanta tal-cannabis sativa kollha kemm hi u mhux mill-fibri u ż-żrieragħ tagħha biss, sakemm din il-leġiżlazzjoni ma tkunx xierqa sabiex tiggarrantixxi t-twettiq tal-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq. Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma japplikawx għal tali leġiżlazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 4, 7.1.2019.